**A.L. -- tal-2026**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Permessi Ambjentali (Proċedura tal-Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Tagħhom)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**Titolu.**
**L.S.549.172.**

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Permessi Ambjentali (Proċedura tal-Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Tagħhom) u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Permessi Ambjentali (Proċedura tal-Applikazjonijiet u d-Deċiżjoni Tagħhom), minn hawn 'il quddiem imsejħa ir-"regolamenti prinċipali".

**Jemenda l-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali.**

2. Fl-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali, immedjatament wara kategorija 1.44 tagħha, għandha tizdied din it-tabella ġdida li ġejja:

| **Trobbija ta' tjur u majjali** | | | |
|---|---|---|---|
| **Kategorija** | **Operat** | **Tip ta' applikazzjoni jew permess** | **Drittijiet** |
| 1.45 | Operati li jaqgħu fl-iskop tar-Regolamenti dwar Emissjonijiet Industrijali (Dispożizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija ta' Tjur u Majjali) (L.S. 549.XX) u r-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali (L.S.549.76)(#) | Livell III | €230 |